

Brussell, 29 ta' Mejju 2019  
(OR. en, de)

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0112(COD)

---

9430/19  
ADD 1

CODEC 1110  
MI 456  
COMPET 416  
DIGIT 102  
IND 179  
TELECOM 233  
PI 86  
AUDIO 80  
JUSTCIV 123

#### NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-promozzjoni tal-korrettezza u tat-trasparenza għall-utenti kummerċjali tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online ( <b>I-ewwel qari</b> ) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjonijiet

---

#### Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tiegħu nota tat-test tal-Artikolu 1(4) miftiehem mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tixtieq tinnota li r-Regolament preżenti ma jipprekludix il-kapaċità tal-Istati Membri li jipprojbixxu jew jissanzjonaw imġiba unilaterali jew prattiki kummerċjali żleali skont il-liġi nazzjonali tagħhom, sakemm id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi nazzjonali jkunu applikati f'konformità ma' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi tal-Unjoni u jkunu kompatibbli mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Madankollu, il-prinċipju li l-liġi nazzjonali għandha tkun kompatibbli ma' dan ir-Regolament japplika biss sal-punt li l-kwistjoni speċifika inkwistjoni tkun speċifikament regolata fih. Il-Kummissjoni tinnotta f'dan ir-rigward li dan ir-Regolament ma jirregolax l-aspetti kollha tar-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online u l-utenti kummerċjali tagħhom.

B'mod partikolari, il-Kummissjoni tqis li fejn id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jistabilixxu livell speċifiku ta' trasparenza jew obbligi ta' informazzjoni speċifiċi, fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet, l-Istati Membri ma jistgħux jippreskrivu livelli differenti ta' trasparenza jew obbligi ta' informazzjoni differenti. Madankollu, dan ir-Regolament ma jipprekludix l-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali li jipprojbixxu jew jissanzjonaw imġiba unilaterali jew prattiki kummerċjali żleali u li jikkonċernaw kwistjonijiet oħra, mhux regolati mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

### **Dikjarazzjoni mill-Ġermanja, appoġġata mill-Belġju**

Il-Ġermanja tassumi li l-Istati Membri ser ikomplu jkunu intitolati jadottaw aktar regolamenti f'konformità mal-liġi tal-UE biex tiġi żgurata d-diversità tal-media. Il-Ġermanja tassumi wkoll li r-regoli nazzjonali għall-kontroll ta' prattiki abbużivi u d-dritt kuntrattwali nazzjonali jibqgħu applikabbli flimkien mar-Regolament. Il-paragrafu 3 tal-Artikolu 3 tar-Regolament niġmhu li jfisser li r-Regolament ma jipprekludix eżami ulterjuri tat-termini u kundizzjonijiet skont id-dritt nazzjonali, sa fejn l-oqsma rilevanti mhumiex koperti mir-Regolament.